3 ta' Ġunju, 1952.
Imħallef:
L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.
**Michele Calafato et.** *versus* **Anthony Zahra et.**

**Periti Addizzjonali — Terminu li fih tista' ssir it-Talba għan-Nomina Tagħhom — Differiment tal-Kawżi — Art. 677 (1) u (2), 667 (1) u 672 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*It-talba għan-nomina ta' periti addizzjonali għandha tiġi preżentata fi żmien sitt ijiem utili, li jibda jgħaddi mill-jum stabbilit għall-publikazzjoni tar-rapport, meta l-perit għandu jidher quddiem il-Qorti biex jaqra r-rapport u jikkonfermah bil-ġurament.*

*Jekk il-perit ikun ġie dispensat milli jidher il-Qorti, dak it-terminu jibda jgħaddi minn meta l-partijiet ikunu ġew avżati b'ittra tar-Reġistratur li l-perit ikkonferma r-rapport tiegħu bil-ġurament.*

*Imma jekk xi waħda mill-partijiet tista' tallega li dak it-terminu għar-rigward tagħha ma bediex jgħaddi għax ma ġietx notifikata b'dik l-ittra tar-Reġistratur, ma tistax tkompli ssostni dik l-allegazzjoni jekk ikunu għaddew sitt ijiem mill-jum li kien destinat għal-eżami tar-rapport.*

*Huwa dmir tal-partijiet li jsegwu d-differimenti tal-kawża, u li jidhru fil-ġranet destinati għat-trattazzjoni tagħha.*

Il-Qorti, — Fuq talba ta' l-atturi għan-nomina ta' periti addizzjonali, magħmula b'nota tal-5 ta' Mejju 1952;

Rat il-verbal in data 15 ta' Mejju 1953 (fol. 73), li minnu jirriżulta illi l-konvenuti, per mezz tad-difensur tagħhom, għamlu oppożizzjoni għal dik it-talba, fuq il-motiv li ma ġietx magħmula fiż-żmien stabbilit mil-liġi;

Tikkunsidra;

Illi skond l-art. 677 (1) (2) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, it-talba għan-nomina ta' periti addizzjonali għandha tiġi preżentata — f'dan il-każ li qiegħed quddiem Qorti Superjuri — fi żmien sitt ijiem utili li jibda għaddej bħal ma jingħad fis-subartikolu (1) ta' l-art. 667 tal-Kodiċi ċitat, jiġifieri mill-jum imsemmi fl-art. 672 ta' dak il-Kodiċi, li huwa l-jum stabbilit għall-publikazzjoni tar-rapport ta' l-ewwel perit; f'liema ġurnata dak il-perit għandu jidher il-Qorti biex jaqra r-rapport u jikkonfermah bil-ġurament. Skond l-istess artikolu 672, il-Qorti, però, tista' tiddispensa lill-perit milli jidher; u allura,

b'analoġija ta' dak li jingħad fiċ-ċitat art. 667 (1) għal meta l-perit ikun ġie dispensat milli jidher, iż-żmien jibda jiddekorri mill-jum li fih il-partijiet fil-kawża jkunu ġew infurmati, b'ittra tar-Reġistratur, li l-perit ikkonferma bil-ġurament ir-rapport;

Tikkunsidra;

Illi fil-każ preżenti, lill-perit ġiet mogħtija l-fakoltà li jaħlef ir-relazzjoni fir-Reġistru. Il-perit għalhekk ġie dispensat milli jidher il-Qorti ħalli jikkonferma r-rapport bil-ġurament quddiemha. Huwa ħalef ir-relazzjoni fir-Reġistru fis-7 ta' April 1952, u b'ittra tar-Reġistratur li ġġib id-data ta' dak inhar stess il-partijiet ġew mgħarrfin b'dan għall-finijiet kollha tal-liġi. L-attur Wirth u l-konvenuti ġew notifikati b'dik l-ittra l-għada, 8 ta' April 1952; l-attur Calafato ma ġiex, però, notifikat b'dik l-ittra, u għalhekk ma jistax jingħad li, in rigward ta' dan, it-terminu beda għaddej minn dik il-ġurnata;

Tikkunsidra;

Illi, kif jirriżulta mill-verbal tat-2 ta' April 1952, dak inhar ġie mogħti lill-atturi għaxart ijiem żmien biex iħallsu r-rapport tal-perit, u l-kawża ġiet differita għad-29 ta' April 1952, għall-eżami tar-relazzjoni. Fl-intervall, kif ġa ngħad, ġie mħallas id-dritt tal-perit; dana ħalef fir-Reġistru r-relazzjoni tiegħu skond il-fakoltà li kienet ġiet lilu mogħtija; ir-rapport ġie mqiegħed fl-attijiet tal-kawża mir-Reġistratur; u dan bagħat lill-partijiet l-ittra fuq indikata;

Illi għalhekk, jekk l-attur Calafato jista' jgħid li t-terminu, in rigward tiegħu, ma bediex jiddekorri mit-8 ta' April 1952, jew mill-jum tan-notifika ta' l-ittra tar-Reġistratur, għaliex ma ġiex notifikat b'dik l-ittra, ma jistax raġjonevolment igħid li għalih ir-rapport ma ġiex publikat almenu fid-29 ta' April 1952, jum fissat għall-eżami ta' dak ir-rapport; anki għaliex huwa dmir tal-partijiet fil-kawża li jsegwu d-differimenti tagħha u jidhru fil-ġranet destinati għat-trattazzjoni;

Illi għar-raġunijiet premessi, in-nota ta' l-atturi, li biha talbu n-nomina ta' periti addizzjonali, preżentata fil-15 ta'

Mejju 1952, giet imressqa wara li kien għadda ż-żmien ta' sitt ijiem stabbilit mil-liġi, billi dak iż-żmien għall-attur Wirth beda għaddej mit-8 ta' April 1952, u għall-attur Calafato mid-29 ta' dak l-istess xahar;

Għaldaqstant tiċħad it-talba ta' l-atturi; bl-ispejjeż kontra tagħhom.